MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 145/2006

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Raymond Spiteri (ID-380157M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Frar, 2006, fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u disghin lira Maltija u tlett centezmi (Lm197.03), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2148 3197 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok.A u B.**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-25 ta' Mejju, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebgha u disghin lira Maltija u tlett centezmi (Lm197.03) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mil-lum, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------